

REGOLAMENT (UE) 2017/1539 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-25 ta' Awwissu 2017**

li jistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1538 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/534 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2017/25) għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali (BĊE/2017/26)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u (3), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 6(5)(d) u l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 140 u l-Artikolu 141(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1538 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/534 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2017/25) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/13) ⁽⁴⁾ jistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar li jikkonċernaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tiġi ppreżentata minn entitajiet taħt superviżjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK).
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/1538 jippermetti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) biex jiddeċiedi, fuq talba ta' ANK, li japplika dak ir-Regolament għal entitajiet taħt superviżjoni inqas sinifikanti li huma soġġetti għal qafas ta' kontabilità nazzjonali bbażat fuq id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ⁽⁵⁾ u li huma stabbiliti fl-Istat Membru ta' dik l-ANK mill-1 ta' Jannar 2019 jekk il-qafas ta' kontabilità nazzjonali ma jkunx kompatibbli ma' Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju.
- (3) Wara t-talbiet li ġew sottomessi mill-ANK lill-BĊE sas-27 ta' Lulju 2017 u l-valutazzjoni mwettqa mill-BĊE ta' oqfsa ta' kontabilità nazzjonali, il-BĊE ddeċieda li japplika r-Regolament (UE) 2017/1538 għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni stabbiliti f'ċerti Stati Membri mill-1 ta' Jannar 2019.
- (4) Għalhekk, regolament li jissupplimenta ir-Regolament (UE) 2017/1538] għandu jiġi adottat għal dan il-għan, skont il-proċedura tal-Artikoli 26(7) u (8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

⁽¹⁾ ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

⁽³⁾ Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽⁴⁾ Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13) (ĠU L 86, 31.3.2015, p. 13).

⁽⁵⁾ Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 157-173).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/1538 għandu japplika għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u stabbiliti fil-Ġermanja jew Franza mill-1 ta' Jannar 2019.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
